MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 801/2006

**Maltacom Plc 22334**

**vs**

**Romina Gilford u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2006 gie kjamat in kawza Nazzareno Gilford u b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2007 tali digriet ta' kjamat in kawza gie revokat *contrario imperio.***

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u disgha u tmenin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (LM289.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21672388 (AC10008735 CN324967) .

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghahekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjes u imghaxijiet legali.

Mill-Atti jidher illi l-konvenuta kienet tghamlet talba ghal kjamat in kawza fit-8 ta' Novembru, 2006 ta' Nazzareno Gilford, liema talba giet milqugha.

Ra mill-Atti lli t-tahrika ghal kjamat in kawza Nazzareno Gilford ma saritx.

Illi fis-6 ta' Frar, 2007 it-Tribunal irrevoka d-digriet *contrario imperio* ghal kjamat in kawza peress illi wara tlett seduti t-Tribunal nnota illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u l-anqas ma harrket lil kjamat in kawza.

Ra mill-Atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu wara it-8 ta' Novembru, 2006.

Xehdet Dr Ingrid Zammit Young debitament awtorizzata mis-socjeta' attrici fis-6 ta' Frar, 2007 fejn ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa dovut.
Illi l-konvenuta naqset li tidher u ghalhekk ghandha titqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------